MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 167/2003/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta` estera CGU plc ta' Perth, Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Casapinta Design Group Limited skond il-ligi u polza ta' l-assigurazzjoni N021336**

**vs**

**UCIM Company Limited u bi provvediment tat-Tribunal tat-3 ta' Gunju, 2003 il-kumpanija Sign It Limited giet imsejha fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' Mejju, 2005, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta’ attrici talbet il-hlas ta’ elf u tnejn u sittin lira Maltin (Lm1,062) rapprezentanti sittin fil-mija (60%) tad-danni sofferti mill-assigurati tas-socjeta’ attrici fuq disgha u ghoxrin (29) *panel* li kienu mikrija lis-socjeta’ konvenuta u taht ir-responsabbilta’ taghhom.
Ra li r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta giet sfilzata b’digriet tat-30 t’April, 2003 minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta’ Tonio Casapinta li huwa l-*Managing Director* tas-socjeta’ Casapinta Design Group Limited fejn jghid li fit-tinda li armaw Casapinta ma kienx dahal ilma izda fit-tinda z-zghira li armat is-socjeta’ konvenuta kienu xxarrbu disgha u ghoxrin (29) *panel*. Jghid li l-*panels* mhux suppost jintrabbtu ma’ l-art u ghalhekk il-hsara kienet fil-parti t’isfel tal-*panels*. Jikkonferma li Casapinta Design Group Limited ircevew il-flus mis-socjeta’ attrici.

Jikkonferma wkoll illi Sign It Limited armaw it-tinda u Casapinta ghamlu d-dekorazzjoni ta’ gewwa. Jghid li l-gnub tat-tinda kienu maghluqin bil-plastic ta’ Sign It Limited pero’ kien hemm il-gaps fihom.

Ra l-provvediment dwar talba li ghamlet is-socjeta’ konvenuta sabiex tissejjah fil-kawza l-kumpanija Sign It Limited.

Ra li l-kumpanija Sign It Limited naqset milli tipprezenta provi.

Ra x-xhieda ta’ Ryan Buttigieg li huwa *Marketing Manager* mas-socjeta’ konvenuta fejn jikkonferma li Sign It Limited armaw it-tinda z-zghira. Jikkonferma li dakinhar kienet ghamlet ix-xita u xxarrbet l-area kollha kemm quddiem u kemm wara l-filata tal-gebel. Jghid illi Sign It Limited kien ghamlu gutter ukoll sabiex it-tinda tkun protetta mix-xita.
Buttigieg jghid li hu kien responsabbli ghal dawk l-affarijiet li kienu fit-tinda l-kbira u mhux ghall-affarijiet fit-tinda z-zghira.

Ma jiftakarx minfejn grat il-hsara.

Fis-*Survey Report* gie miktub hekk:

“The loss occurred during the car fair at the National trade fair grounds…..UCIM had requested that the FIAT stand…..be increased in size. UCIM appointed Sign It to construct a canopy..…rainwater seeped into the stand (erected by Sign It)…..it was noted that the lay out of the tent was far inferior…..(to) that constructed by Casapinta…..certain areas were left open…..Sign it should be held responsible for the losses incurred by Casapinta..…since the stand was badly constructed.”

Ra li sar Kapitolu fil-konfront ta’ Sign It Limited liema socjeta’ naqset li tidher fil-Qorti biex tikkontesta.

Ra li skond Dok. D a fol 20 tal-process:

“All equipment delivered to site as per Quotation, will be at the sole responsibility of the client.”

Illi jirrizulta ghalhekk li s-socjeta’ konvenuta kienet responsabbli ghall-*equipment*. Is-socjeta’ konvenuta qabdet lil Sign It Limited sabiex tibni tinda li ma kienetx tipprovdi protezzjoni adegwata mix-xita. Is-socjeta’ konvenuta ma gabitx provi li ma kienetx responsabbli ghall-*equipment* fit-tinda z-zghira.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal isib lis-socjeta’ konvenuta u lis-socjeta’ Sign It Limited responsabbli ghad-danni b’mod solidali billi s-socjeta’ konvenuta kienet responsabbli biex tassigura li l-*equipment* jigi rritornat fl-istess kundizzjoni u s-socjeta’ Sign It Limited billi bniet tinda minghajr attenzjoni bizzejjed.

Jikkundanna lil UCIM Company Limited u lil Sign It Limited b’mod solidali biex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u tnejn u sittin lira Maltin (Lm1,062) bl-imghax mid-29 ta’ Jannar, 2003. Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta u s-socjeta’ kjamata fil-kawza.”

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza fl-ewwel lok b’ aggravju ta’ indoli procedurali in kwantu tikkontendi li l-istitut tal-kontumacja m’ ghandux applikazzjoni fil-kaz tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Fit-tieni lok, b’ ilment fil-meritu, issottomettiet li t-Tribunal injora certi provi li, meta konsiderati, kienu jezonerawha minn kull addebitu ta’ htija;

Il-kwestjoni sollevata hawnhekk mis-socjeta` appellanti fl-ewwel aggravju taghha gja giet drabi ohra ezaminata minn din il-Qorti. Kif gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet “**Dr. Lennart Depasquale -vs- Filippo Cachia**”, 22 ta’ Novembru 1996, “in-nuqqas li tigi pprezentata risposta mill-konvenut fi zmien stipulat bl-ebda mod ma timporta l-kontumacja tieghu. Il-kontumacja tal-konvenut hi stabbilita bl-Att Nru. V ta’ l-1995 u senjatament bl-Artikolu 13 u mhux konsentit li tali kontumacja li hi strettament marbuta man-nuqqas tal-konvenut (jew ukoll ta’ l-attur) li jidher f’ zewg seduti li fihom ikun ser isir is-smigh tal-kawza, ma tistax tigi b’ xi mod estiza biex tkopri cirkostanzi ohra. Lanqas permezz ta’ regolamenti maghmula in forza ta’ l-istess Att (senjatament s-subartikolu 3 ta’ l-Artikolu 4 tar-Regoli ta’ l-1995). Regolamenti li ghandhom jigu segwiti ghall-ahjar ordinament tal-proceduri imma ma jistghux jimponu jew iwasslu ghal sanzjonijiet li l-ligi ma tikkontemplax”;

Dan il-kuncett gie espress u amplifikat fis-sentenza moghtija fl-istess jum tat-22 ta’ Novembru 1996 fil-kawza “**Emmanuel Caruana *nomine* -vs- Elaine Cachia**”. Fiha nghad dan, b’ riflessjoni ta’ l-Artikolu 13 ta’ l-Att:-

“Hu car li l-ligi trid li l-kontumacja tal-konvenut kellha tigi determinata jekk din tonqos li tidher darbtejn f’ zewg dati stabbiliti mit-Tribunal. Dan ghas-seduti li bihom il-konvenuta kienet taf ghax imgharrfa bihom jew kien messha taf bihom kieku segwiet il-proceduri. Hu biss f’ dawn ic-cirkostanzi li l-ligi tqis li l-konvenut ikun hati ta’ din il-kontumelja lejn is-sejha tat-Tribunal biex tidher

quddiemu billi tikkontesta l-kawza u li jiggustifika li l-kawza tigi mismugha u deciza fl-assenza taghha”;

Jitnissel minn ezami ta’ dawn iz-zewg decizjonijiet illi, kuntrarjament ghal dak ritenut mis-socjeta` appellanti, l-Att V ta’ l-1995 jikkontempla sew l-istitut tal-kontumacja. Riportati s-suddetti insenjamenti ghall-kaz prezenti jirrizulta bhala fatt mill-inkartament tal-kawza illi s-socjeta` appellanti giet notifikata bl-avviz promotur fid-29 ta’ Jannar 2003. Jirrizulta inoltre mill-verbali tat-Tribunal illi s-socjeta` appellanti la dehret fl-ewwel seduta tas-7 ta’ Marzu 2003 (fol. 6) u lanqas f’ dik sussegwenti tat-8 ta’ April 2003 (fol. 9). Kien biss fl-udjenza tat-30 ta’ April 2003 (fol. 21) illi jinsab verbalizzat illi deher Dr. Stephen Muscat ghas-socjeta` konvenuta. Anke minn dan il-verbal ma jidherx li s-socjeta` konvenuta kienet rapprezentata minn xi direttur jew membru taghha. Dan kollu jinsab rilevat fir-risposta ta’ l-appell tas-socjeta` attrici li korrettament issoktat taggungi wkoll illi l-fatt ta’ l-isfilz tan-Nota ta’ l-eccezzjonijiet ma arreka ebda pregudizzju lis-socjeta` appellanti. Dan ghar-raguni illi hi nghatat il-fakolta li tikkontroezamina x-xhieda prodotti mis-socjeta` attrici u dippju ressqet ukoll il-provi taghha permezz tax-xhud Ryan Buttigieg (fol. 64);

In vista tal-premess l-ewwel aggravju procedurali qed jigi respint;

Qabel ma l-Qorti tinoltra ruhha fil-analisi ta’ l-aggravju fil-meritu jidher li jkun opportun, anke b’ introduzzjoni ghalih, illi jsiru dawn ir-riflessjonijiet:-

(1) Huwa indubitat illi l-provvediment moghti mit-Tribunal fit-3 ta’ Gunju 2003 (fol. 31), u li bih akkolja t-talba tas-socjeta` konvenuta ghas-sejha fil-kawza tas-socjeta` Sign It Limited, sar fil-konsiderazzjoni tal-parametri ta’ l-azzjoni ghad-danni impostata mis-socjeta` attrici;

(2) Una volta akkordata l-kjamata in kawza din irrendiet lill-imsemmija socjeta` Sign It Limited bhala parti integrali mill-proceduri daqs li kieku kienet konvenuta mill-bidunett;

(3) L-iskop ta' din l-integrazzjoni fil-process huwa intiz biex ikun hemm rapport guridiku komplet. Rapport dan li kien jiggjova principalment lis-socjeta` konvenuta billi jipprovdilha l-opportunita ta' difiza shiha kontra t-talba tas-socjeta` attrici. Mhux hekk biss pero`. Dan ghaliex dak l-istess rapport komplet seta' jassigura lis-socjeta` attrici rizultament utli f' kaz ta' ezitu favorevoli ghat-talba taghha. Tant hu hekk illi mill-perspettiva tar-*res judicata*, sentenza taghmel stat ossija ghandha effett ta' gudikat, naturalment fil-limiti ta' l-azzjoni intentata, anki fil-konfront tal-kjamat fil-kawza. Ara **Kollez. Vol. XVII P I p 28** u "**Charles Mallia *nomine* -vs- Lawrence Xuereb *nomine et nomine***", Appell Kummercjali, 21 ta' Jannar 1977;

Dan premess, u una volta kien determinat li l-kontendenti kollha kienu mod jew iehor kollegati minn ness li jista' jitqies unitarju, l-indagini fil-meritu kienet necessarjament tinvolvi l-kawza li tat lok ghad-dannu rizarcibbli u li, kif espress, "*si deve ricercare nei fatti immediati*" ("**Cesare Garcin -vs- Francesco Borg *et***", Appell Civili, 11 ta' Novembru 1906);

Jirrizulta illi d-dannu fil-*panels*, proprjeta` tas-socjeta` attrici, sehh meta dawn kienu fit-tinda montata mis-socjeta` kjamata fil-kawza. Dan jaffermah Tonio Casapinta, managing director tas-socjeta` assigurata (ara xhieda tieghu a fol. 24 u 62), li jzid jghid li t-tixrib tal-*panels* sehh ghax it-tinda kellha "*gaps*" fiha u dahal l-ilma mill-entratura. Hu koncess ukoll mis-*surveyor* Jean Pierre Zammit tas-socjeta` assiguratrici attrici. Testwalment, in coda ghar-rapport tieghu a fol. 35, dan jikkontendi illi "*in my opinion Sign-It should be held responsible for the losses incurred by Casapinta Design Group since the stand was badly constructed*";

Ciononostante dawn il-kostatazzjonijiet u dikjarazzjonijiet, it-Tribunal deherlu li fir-rigward tas-socjeta` appellanti din kienet ko-obbligata mas-socjeta` Sign It Limited ghar-rizarciment tad-danni minhabba l-inadempjenza kontrattwali taghha li tiehu kura ta' l-*equipment* fornut lilha mis-socjeta` Casapinta Design Group kif ukoll ghax kienet is-socjeta` appellanti li nkarigat lill-kjamata fil-kawza sabiex tibni tinda li ma kienetx tipprovdi protezzjoni adegwata mix-xita;

Bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan ir-ragonament tat-Tribunal. Ibda biex il-fatt li fost it-"Terms and Conditions of Hire" (fol. 19) hemm provvdut f' para. (f) illi "*all equipment delivered to site as per Quotation will be the sole responsibility of the client*" dan ma jgibx ghaldaqshekk illi l-kumpanija konvenuta hi *nolens volens* responsabbli anke fejn ikun gie determinat, bhala fatt, illi materjalment id-dannu gie kagonat minn haddiehor;

Fil-fattispeci, il-kolpa hija intrinsika mal-kompiment tal-kostruzzjoni tat-tinda u gjaladarba saret l-individwazzjoni ezatta tan-natura ta' l-istess kolpa, kellu jsegwi logikament illi l-htija kienet konsegwenza ta' l-att jew ommissjoni tal-kostruttur tat-tinda, jigifieri, tas-socjeta` Sign It Limited. Dan fuq l-istregwa tal-principju normattiv illi "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu" (Artikolu 1031, Kodici Civili);

Biex ikun mod iehor u biex allura s-socjeta` konvenuta setghet titqies responsabbli tal-fatt proprju kellu jkun pruvat illi din is-socjeta` kienet responsabbli ghal kolpa *in eligendo* jew dik *in vigilando*, "*purche la colpa sta nella 'mala electio' o nel non avere sorvegliato la persona impiegata nell' esecuzione del servizio commessole*" (**Kollez. Vol. XXIV P I p 348**). Prova ta' xi vjolazzjoni ta' dover fl-ghazla maghmula jew nuqqas ta' vigilanza ma ngiebetx f' dan il-kaz mis-socjeta` appellata u allura ma kellhiex tigi assunta *per impliciter* mit-Tribunal;

Inversament, is-socjeta` attrici ghamlet il-prova li d-dannu verament sehh b' att jew ommissjoni kolpuza tas-socjeta` msejha fil-kawza. Ipprovat ukoll li dan l-istess att jew ommissjoni kolpuza kellu ness ta' kawza u effett mal-pregudizzju soffert. Din il-prova hi msahha b' mod konvincenti mis-*survey report*. Stabbilita din il-prova, ma jidherx li s-socjeta` konvenuta kellha tkun ritenuta responsabbli solidalment mas-socjeta` msejha fil-kawza li materjalment u b' nuqqas ta' diligenza pprokurat id-danni reklamati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell interpost tas-socjeta` konvenuta u b' hekk thassar is-sentenza appellata fil-konfront taghha. Mill-kumplament is-sentenza kontra s-socjeta` msejha fil-kawza tibqa' kif deciza mit-Tribunal. Salv fil-kaz tar-rigett ta' l-ewwel aggravju li jibqa' a spejjez eskluzivi tas-socjeta` appellanti, l-ispejjez taz-zewg istanzi fejn jikkoncernaw lis-socjeta` konvenuta appellanti jibqghu sopportabbli mis-socjeta` attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------